

**KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT****Jozef SÍKELA****Sħubijiet internazzjonali****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

*Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni taż-żgħażaġh?*

*Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

Il-ġenerazzjoni tiegħi hija waħda li kellha tiġġieled għal-libertà tagħha. Fl-1989, meta rbaħna dik il-libertà, kellni 22 sena, u kont fil-qalba ta' Praga spalla ma' spalla ma' studenti oħra f' dimostrazzjonijiet kontra r-reġim komunista. Aktar tard, il-ġenerazzjoni tagħna kellha ħolma oħra: li ningħaqdu mal-Unjoni Ewropea. Il-ġurnata li wettaqna din il-ħolma kienet ġurnata ta' tifsira liema bħalha. Huwa għalhekk li nifhem b' mod profond kemm huma attraenti l-Unjoni Ewropea u l-valuri li tirrappreżenta. Ikun unur tremend li jkollni l-opportunità - bħala Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali - li nisfrutta dik l-attrazzjoni u nestendi l-benefiċċji ta' dawn il-valuri għal miljuni ta' nies madwar id-dinja.

Matul dawn l-aħħar 30 sena, il-prodott domestiku gross Ċek żdied b' aktar minn ħames darbiet. Din il-kisba ma kinitx tkun possibbli mingħajr investimenti sinifikanti fl-infrastruttura, fil-manifattura domestika, u fil-kapital uman, li kollha ppermettewlna nintegraw fin-networks dinjija tal-kummerċ u tal-investment. Xejn minn dan ma seta' jkun possibbli mingħajr l-Ewropa.

Kif nista' nikkontribwixxi għal dawn l-isforzi? L-ewwel u qabel kollox, permezz tal-esperjenza internazzjonali estensiva tiegħi kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f' dak privat. Bħala membru tal-bord ta' Erste Group Bank AG, issorveljajt ħidmiet fi tnaix-il pajjiż Ewropew, kif ukoll f' fergħat fi New York u Hong Kong. Dan ir-rwol tani fehim profond tas-swieq finanzjarji internazzjonali u tal-finanzjament ta' proġetti fuq skala kbira - għarfien espert li jippermettili nidderieġi t-tneidja tal-istrateġija Global Gateway, inkluż il-mobilizzazzjoni tal-investimenti u l-istrutturar tal-istrumenti finanzjarji.

Servejt ukoll bħala politiku. Bħala Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ tar-Repubblika Ċeka, iffukajt fuq l-immodernizzar tas-settur tal-enerġija tagħna, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija, u l-attrazzjoni ta' investimenti strateġiċi. Hdint biex jiġu ddiversifikati l-provvisti tal-enerġija, biex isir investment fi proġetti ta' infrastruttura kritika bħat-terminals tal-LNG, u biex issir promozzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dawn l-inizjattivi jikkontribwixxu direttament għall-objettivi strateġiċi tal-Unjoni Ewropea ta' sostenibbiltà, indipendenza enerġetika, u sigurtà ekonomika. Din l-esperjenza attrezzatni bil-ħiliet meħtieġa biex nimbotta t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali lil hinn mill-fruntieri tal-Ewropa. Il-portafoll tas-Sħubijiet Internazzjonali, pedament tal-politika ekonomika barranija l-ġdida tal-UE, jallinja mill-qrib mal-prijoritajiet u l-esperjenza professjonali tiegħi.

Biex immexxi 'l quddiem l-aġenda strateġika tal-Kummissjoni, qed nippjana li napplika l-għarfien espert tiegħi biex niżgura finanzjament għal proġetti internazzjonali fuq skala kbira. L-enfasi tiegħi se tkun fuq it-trawwim ta' sħubijiet komprensivi mibnija fuq l-ugwaljanza, ir-rispett reċiproku, u l-valuri kondiviżi, filwaqt li nippromwovi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u nara li l-ebda pajjiż ma jitħalla jibqas' lura Beħsiebni nisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ta' inizjattivi bħall-Global Gateway, bħala parti mill-politika ekonomika barranija tal-UE. Bil-promozzjoni tal-investimenti f'setturi kritiċi - bħall-enerġija ekoloġika, l-infrastruttura diġitali, it-trasport, l-

edukazzjoni, u s-saħħa - nistgħu fl-istess ħin nippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, innaqqsu l-faqar, nindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u nsaħħu s-sigurtà ekonomika.

Jien impenjat bis-sħiħ ukoll li nindirizza l-inugwaljanzi u nintegra l-perspettivi tal-ġeneru u taż-żgħażaġh fil-portafoll tiegħi. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex biss imperattiv morali iżda wkoll neċessità ekonomika. Il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa u l-bniet fl-aspetti kollha tal-ħajja pubblika, inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-attività ekonomika, hija essenzjali għall-bini ta' soċjetajiet sostenibbli u prosperi. Jekk niġi kkonfermat, nara li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet jibqgħu fuq quddiem nett tas-sħubijiet internazzjonali tal-UE, f'konformità mal-miri ambizzjużi stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III. Il-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ fl-azzjoni esterna tal-UE għandu jibqa' jiggwida l-isforzi tagħna fl-involviment, l-għoti tas-setgħa, u l-konnessjoni taż-żgħażaġh globalment. Se niżgura li jkun hemm bilanċ bejn il-ġeneri fit-tim tiegħi.

Jien impenjat li nħares l-ogħla standards etiċi, kif għamilt matul il-karriera tiegħi kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku. Jekk niġi kkonfermat, naderixxi strettament mal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea, inservi l-interessi ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-aħjar kapaciżtatijiet tiegħi, u nagħti attenzjoni kbira biex nevrta kwalunkwe kunflitt ta' interess. Jekk jinqala' xi kunflitt potenzjali, ninnotifika minnufih lill-President. Beħsiebni nwettaq l-attivitajiet kollha tiegħi b'integrità u trasparenza.

## **2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew**

*Tista' timpenja ruħek li tinforma kifxieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tad-dipartimenti tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?*

*Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri attwali, lest tipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?*

Nemmen bis-sħiħ fid-demokrazija parlamentari. Jekk niġi kkonfermat mill-Parlament Ewropew, nieħu fuqi responsabbiltajiet politiċi għall-attivitajiet li jaqgħu taħt il-portafoll, bla ħsara għall-prinċipju tal-kolleġġjalità, kif stabbilit fl-ittra ta' Missjoni tiegħi.

Naqbel bis-sħiħ mal-kliem tal-ittra ta' missjoni tiegħi li tiddikjara li "Se nsaħħu d-demokrazija tagħna, insegwu l-valuri tagħna u niżguraw li nkunu aktar b'saħħitna fil-pajjiżi tagħna. Se naħdmu mas-sħab tagħna u nasserixxu aħjar l-interessi tagħna madwar id-dinja". Il-valuri Ewropej tagħna huma l-qofol tal-offerta tagħna lill-pajjiżi sħab.

Bħala Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ fir-Repubblika Ċeka, ħdimt f'pożizzjoni għolja fi gvern ta' koalizzjoni. F'dan ir-rwol, ħdimt id f'id mal-Parlament Ċek; jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, l-intenzjoni tiegħi tkun li nieħu l-istess attitudni mal-Parlament Ewropew. Il-kooperazzjoni interistituzzjonali qawwija u l-bini ta' kunsens bejn partijiet differenti jistgħu biss iservu biex isaħħu d-demokrazija Ewropea.

Jien nimpenja ruħi li nimplimenta l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Inkun preżenti fil-Parlament Ewropew, kemm fid-dibattiti fil-plenarja kif ukoll fil-laqgħat tal-Kumitati u nagħti informazzjoni regolarment lill-Parlament dwar l-azzjonijiet tiegħi u dawk tad-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali. Insegwi l-impenn stabbilit fil-Ftehim ta' Qafas biex inwieġeb għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew fi żmien tliet xhur. Jien impenjat li nara li l-Kulleġġ jirreaġixxi fil-waqt għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament skont l-Artikolu 225, u fir-rispett tal-proporzjonalità, is-sussidjarjetà u prinċipji aħjar fit-tfassil tal-liġijiet. Se nkun impenjat fi djalogu strutturat mal-Parlament Ewropew responsabbli biex nara li jkun hemm segwitu f'waqt tar-Riżoluzzjonijiet kollha skont l-Artikolu 225 TFUE.

Jekk niġi kkonfermat beħsiebni wkoll norganizza djalogu strutturat regolari mal-Kumitat DEVE u nara li jkun hemm trasparenza u fluss tal-informazzjoni mal-Parlament qabel avvenimenti u stadji ewlenin magħgħuri meta jkunu qed isiru negozjati internazzjonali. Inkompli wkoll bid-Djalogu Ġeopolitiku ta' Livell Għoli ta' darbtejn fis-sena, stabbilit skont l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Global Europe) - forum indispensabbli fl-iskambju dwar kwistjonijiet politiċi kruċjali,

inkluż il-Global Gateway. Beħsiebni naħdem magħkom, mar-RGħ/il-VP u mal-Kummissarji sħabi, biex inkomplun tejbju l-interazzjoni tagħna.

Jekk niġi kkonfermat mill-Parlament Ewropew, inkun nixtieq ukoll nesplora magħkom kif il-Membri tal-Parlament Ewropew jistgħu jiġu inklużi b'mod aktar regolari fil-missjonijiet ta' Tim Ewropa lejn pajjiżi sħab.

Nimpenja ruħi wkoll li nintroduċi traċċar u rappurtar effettivi u viżibbli tal-Global Gateway u naġmel tibdil mill-qiegħ fil-mod kif nikkomunikaw l-offerta tal-Ewropa fil-pajjiżi sħab u lill-kontribwenti Ewropej.

Nimmira li nsaħħaħ id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati fl-UE u fil-pajjiżi sħab, b'enfasi partikolari fuq il-ħidma mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-introduzzjoni ta' Djalogi annwali dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ.

F'dan is-sens, nimpenja ruħi li nisma', nibni kunsens, intejjeb id-djalogu u nibni relazzjoni ta' ħidma magħkom sabiex inkunu nistgħu niksbu l-impenn konġunt tagħna li nagħtu kontribut għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Iżvilupp

#### *3. Kooperazzjoni għall-iżvilupp fir-rigward tal-politika ekonomika barranija u l-istrateġija Global Gateway*

*L-objettiv primarju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea skont it-trattati (l-Artikolu 208 tat-TFUE) huwa "it-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar". Il-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029 li jmiss, ippreżentati mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen, u l-ittra ta' missjoni tiegħek, ippreżentaw ukoll il-kunċett ta' "politika ekonomika barranija" għda.*

*F'dan l-isfond, x'inhuma l-għanijiet tal-politika tal-iżvilupp tal-UE mill-perspettiva tiegħek, kif se twettaqhom fit-taqbida ġeopolitika ta' offerti u narrattivi u b'mod partikolari kif se timplimenta l-istrateġija Global Gateway? F'dan il-kuntest, kif tixtieq tespandi l-inizjattiva Global Gateway u tinċentiva l-investimenti tas-settur privat, inkluż minn kumpaniji Ewropej, f'reġjuni li qed jiżviluppaw, li huma ta' benefiċċju reċiproku? X'mekkaniżmi se jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li dawn l-investimenti jallinjaw mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp lokali, jirrispettaw l-objettiv primarju tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u jinvolvu lill-gvernijiet sħab u lill-atturi tas-soċjetà ċivili? Kif se tistabbilixxi qafas robust ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-proġetti ffinanzjati fl-ambitu tal-inizjattiva Global Gateway, u tiżgura t-trasparenza u l-iskrutinju parlamentari fuq l-ippjanar strateġiku u l-implimentazzjoni f'konformità mar-Regolament NDICI-Ewropa Globali u l-obbligi tagħna skont it-Trattati?*

Il-qerda tal-faqar hija l-objettiv primarju tal-ħidma tal-Unjoni Ewropea fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif stabbilit fit-Trattati. Fil-livell dinji, il-boxxla tagħna hija l-Aġenda 2030 approvata universalment u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha. Jekk niġi kkonfermat, dan se jstabbilixxi l-qafas għax-xogħol tiegħi.

Il-mistoqsija hija mbagħad kif l-aħjar nikkontribwixxu għal dawn l-objettivi. U hawnhekk, se nagħti attenzjoni partikolari għal dak li ħadem fil-prattika. Matul il-ħajja professjonali tiegħi, il-prijorità tiegħi kienet li nikseb ir-riżultati. U naf direttament li t-tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli huwa l-mutur ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli.

Matul dawn l-aħħar deċennji beda jidher li l-mudell tradizzjonali donatur-riċevitur fih il-limitazzjonijiet tiegħu. Il-pajjiżi li kisbu l-ikbar suċċes fit-tnaqqis tal-faqar huma dawk li investew fl-iżvilupp tal-infrastruttura, fil-manifattura domestika, u fl-edukazzjoni, u b'hekk integraw l-ekonomiji tagħhom fiċ-ċirkwiti dinjija tal-kummerċ u tal-investment.

Dan huwa fejn, illum, is-Swieq Emerġenti u l-Ekonomiji li qed Jiżviluppaw ifittxu appoġġ. Fis-seklu 21, il-pajjiżi jridu s-sħubijiet, mhux id-dipendenzi. Huma jippruvaw jaraw kif se jsaħħu r-reżiljenza tagħhom kontra xokkijiet esterni, eżatt kif nagħmlu aħna. Jeħtieġ li joħolqu l-impjiegi għall-popolazzjonijiet tagħhom li qed jikbru. Fejn l-UE ma tagħtix tweġiba għal din id-domanda, ikun hemm oħrajn li jagħmlu dan. Inħalluhom waħedhom? Din hija l-għażla politika li għandna quddiemna. Fil-fehma tiegħi, l-UE tista' u għandha taħtaf l-oportunitajiet biex tinvolvi ruħha mas-sħab b'mod li jkun ta' benefiċċju reċiproku. U se nagħmlu dan b'mod ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli.

Barra minn hekk, hemm kwistjoni fundamentali ta' skala. L-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp waħedha mhijiex biżżejjed biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-lum. Għandha rwol kruċjali iżda biex verament tagħmel id-differenza jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn investimenti privati robusti. Irridu nfasslu l-azzjoni tagħna lejn dak l-għan. L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi tistma li d-diskrepanza annwali fl-investment biex

jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw illum hija ta' madwar EUR 4 triljun fis-sena, filwaqt li l-Għajnuna Uffiċjali Globali għall-Iżvilupp hija fil-medda ta' EUR 0,2 triljun fis-sena. Għalhekk, il-kapaċità li jiġi mobilizzat finanzjament sostenibbli privat fuq skala kbira hija kritika.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet jirfdu l-bidla fundamentali fl-approċċ tal-UE lejn sħubijiet internazzjonali, maqbuda mill-istrateġija Global Gateway.

Huwa kruċjali wkoll li l-UE tadatta l-offerta tagħha skont il-kuntest ġeopolitiku tal-lum. Matul dawn l-aħħar snin, kien hemm multiplikazzjoni ta' offerti alternattivi. Is-Swieq Emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw għandhom għażliet aktar quddiemhom. Dan wassal għal fluwidità ġdida fl-affarijiet internazzjonali, fejn koalizzjonijiet ad hoc u relazzjonijiet aktar tranżazzjonali ħadu post alleanzi esklużivi ta' blokki. Xi wħud mill-offerti jiġu bil-kundizzjonijiet u jintużaw biex jipromwovu mudelli ta' governanza rivali.

Irridu nuru li l-offerta tal-Ewropa hija għażla aħjar. Offerta komprensiva, kwalitattiva u sostenibbli, ibbażata fuq il-valuri, in-normi u l-istandards kondiviżi tagħna. Din l-offerta hija superjuri għall-offerti tal-kompetituri tagħna. Ninsab konvint dwar dan, u rridu nagħmlu aktar biex nikkonvinċu lis-sħab tagħna.

Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni naħdem biex nittrasformaw il-Global Gateway minn inizjattiva li għadha tibda lejn inizjattiva li qed tespandi kif inhu l-mandat fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi. B'ħidma mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President u membri oħra tal-Kulleġġ, dan jinkludi l-irfinar tal-offerta tagħna, it-tqegħid tagħha fil-kuntest ta' politika barranija ekonomika usa', u l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni, inkluż billi jiżdied l-investment privat. B'esperjenza estensiva fil-kummerċ u n-negozju internazzjonali, inħossni f'pożizzjoni unika biex inwettag dan il-mandat.

Sabiex isir dan, l-approċċ ta' Tim Ewropa huwa fundamentali. Tkun prijorità għall-mandat tiegħi jekk niġi kkonfermat li nkompli nibni fuqu. Għal raġunijiet ta' skala u impatt, irridu nsaħħu l-koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, il-Banek tal-Iżvilupp u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji tagħhom, u l-aġenziji ta' implimentazzjoni tagħhom. Sabiex ilkoll ikunu jistgħu jikkontribwixxu b'dak li jagħmlu l-aħjar. Ninsab f'pożizzjoni tajba biex nifhem l-isfidi li qed jiffaċċjaw aġenziji nazzjonali żgħar. Madankollu, nara li xi wħud mill-iżgħar aġenziji diġà qed jipprovdu inputs siewja b'għarfien espert pubbliku speċifiku u kontribuzzjonijiet finanzjarji mmirati. Kull Stat Membru tal-UE għandu xi ħaġa sinifikanti x'jikkontribwixxi. Biex nilħqu skala kbira, irridu nqawwu l-mobilizzazzjoni ta' għodod ta' finanzjament innovattivi, li jiddependu fuq strumenti ta' tneħħija tar-riskji bħal garanziji u finanzjament imħallat. Dawn l-għodod huma kruċjali biex jiżdied il-finanzjament privat. B'mod parallel, jeħtieġ li naħdmu mas-sħab tagħna biex intejbu l-kundizzjonijiet għall-investment tas-settur privat peress li dawn jistgħu jgħibu valur miżjud sinifikanti biex jinkiseb żvilupp sostenibbli. Jekk niġi kkonfermat, inħeġġeġ lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jipparteċipaw b'mod proattiv f'dan l-isforz. Dan jibda bil-koordinazzjoni tal-atturi rilevanti kollha fil-livell nazzjonali, u l-identifikazzjoni tal-oqsma fejn jistgħu jikkontribwixxu bl-aktar mod effiċjenti.

Politika ta' sħubijiet internazzjonali b'saħħitha, parti minn politika ekonomika barranija ġdida tfisser ukoll ħidma aktar mill-qrib mal-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew għandu rwol ewlieni x'jaqdi fir-rigward tat-trawwim ta' kultura ta' kooperazzjoni aktar strateġika. Intom għandkom ukoll rwol ċentrali biex taraw li l-koerenza tal-politika tal-leġiżlazzjoni interna tagħna - l-impatt estern tal-politiki domestiċi tagħna qatt ma għandu jkun ħsieb sekondarju. Għalhekk inkun heqqan li naħdem mill-qrib magħkom fuq dawn il-kwistjonijiet.

Jekk niġi kkonfermat, l-aġenda tiegħi naturalment tmur lil hinn mill-Global Gateway, li ma tkoprix il-firxa sħiħa tas-sħubijiet internazzjonali tal-UE. Daqskemm ninsab konvint li l-Global Gateway huwa l-aktar mod effiċjenti biex nikkontribwixxu għall-oġettivi tal-qerda tal-faqar fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, nemmen li dan mhuwiex applikabbli kullimkien. Fil-pajjiżi l-Anqas Żviluppatti, fiż-żoni ta' kunflitt, fil-pajjiżi li qed jiffaċċjaw instabbiltà jew f'ambjenti kumplessi, irridu niffukaw fuq il-ħtiġijiet l-aktar immedjati tal-popolazzjoni f'termini ta' ikel, saħħa u edukazzjoni.

U naħseb ukoll li l-UE għandha tibqa' attur ewlieni fil-politiki pubbliċi, b'mod partikolari permezz tal-kontribuzzjonijiet tagħna għal inizjattivi dinjija u fondi dinjija. L-aġenda tal-UE, inkluż il-Global Gateway, tippromwovi l-ordni dinji bbażat fuq ir-regoli u l-valuri tiegħu. Inkun heqqan li nsaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika ma' organizzazzjonijiet multilaterali. L-organizzazzjonijiet multilaterali għadhom ukoll sħab importanti fl-implimentazzjoni. Se nappoġġa lir-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President biex niżguraw li l-UE tkompli taqdi rwol ewlieni fir-riforma tas-sistema internazzjonali, inklużi n-Nazzjonijiet Uniti.

Il-politika ta' Sħubijiet Internazzjonali tagħna twieġeb għal domanda mill-pajjiżi sħab tagħna. Il-proċess ta' programmazzjoni tal-fondi tal-UE jiżgura li l-investimenti jappoġġaw l-istrateġiji ta' żvilupp sostenibbli tal-pajjiżi sħab u jallinjaw mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp lokali. It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiżi sħab tagħna huwa fl-interess reċiproku tagħna; iżda l-kapaċità tagħna li naġixxu hija primarjament bi tweġiba għal talba minn pajjiżi sħab. Dawn iridu jiġu ttrattati bħala sħab ugwali, u mhux bħala riċevituri subalterni. Permezz tal-Global Gateway, qed infittxu relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku.

Inqis li l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili hija kruċjali għas-suċċess tal-Global Gateway, għal mill-inqas żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, l-inklużività u s-sjeda. L-involvement tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-interventi u l-investimenti tagħna jaqblu mar-realtajiet lokali. Fil-livell dinji, l-UE għandha involvement fit-tul u regolari mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li magħhom issa ġiet miżjuda Pjattaforma speċifika għad-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili u l-Awtoritajiet Lokali tal-Global Gateway. Fil-livell tal-pajjiżi, għandna djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż dwar l-i-programmar.

It-tieni, it-trasparenza u l-akkontabilità It-twettiq tal-Istrateġija Global Gateway se jirrikjedi t-trasparenza u r-responsabbiltà - l-involvement tas-soċjetà ċivili għandu jikkontribwixxi għal dan. Fejn jista' jkollna sħubijiet tagħna ma' atturi statali affidabbli, l-enfasi tiegħi se tkun li niżgura li s-soċjetà ċivili tkun "attur tal-governanza", lil hinn mill-"fornituri tas-servizzi". Fejn qed inħabbtu wiċċna ma' fraġilità, is-soċjetà ċivili se tibqa' l-kontroparti tagħna preferuta u, f'xi ċirkostanzi, esklużiva.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni trasparenti huma kruċjali kemm mil-lat tal-effiċjenza kif ukoll biex jintwerew ir-riżultati - jiena konxju ħafna ta' dan minn żmieni fis-settur privat. Għall-proġetti ffinanzjati mill-baġit tal-UE, japplika l-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali. Is-sistema ta' Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Ewropa Globali, inkluż il-Qafas tar-Riżultati tal-Ewropa Globali, hija qafas robust, użat għall-obbligi ta' rapportar skont l-NDICI-Ewropa Globali (eż. ir-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-UE). Intlaħaq qbil mal-Istati Membri dwar metodoloġija għat-traċċar tal-investimenti mobilizzati, u għaddejja ħidma biex din il-metodoloġija u r-rapportar kollettiv jiġu rfinati aktar. Jekk niġi kkonfermat, niżgura li din il-ħidma tavvanza malajr u bi trasparenza sħiħa quddiem il-Parlament Ewropew.

Jien impenjat favur l-iskrutinju demokratiku u nagħti valur lir-rwol tal-Parlament Ewropew. Jien determinat li naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew, inkluż il-Kumitat għall-Iżvilupp tiegħu kif previst fil-qafas tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali.

#### *4. Twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u indirizzar tal-inugwaljanzi u l-koerenza tal-politika*

*L-ittra ta' missjoni ma tagħmel l-ebda referenza għall-oqsma ewlenin tal-politika tal-iżvilupp tal-bniedem, bħas-saħħa, l-edukazzjoni, jew is-sigurtà tal-ikel. Liema miżuri konkreti se tieħu biex issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u r-rappurtar dwarhom, inklużi dawk li jirrigwardaw l-iżvilupp uman inklużiv abbażi tal-impenji meħuda mill-Kummissjoni, speċjalment il-minimu ta' 10 % għall-edukazzjoni mill-baġit tas-Sħubijiet Internazzjonali, is-saħħa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, u l-protezzjoni tat-tfal, filwaqt li jiġu involuti s-sħab lokali, kif ukoll biex jissaħħaħ u jitwessa' l-użu tal-indikatur tal-inugwaljanza? Se toperazzjonalizza l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp matul il-proċessi leġiżlattivi u politiki, inklużi valutazzjoni ex ante u rappurtar dwar l-impatt tal-inizjattivi kollha tal-Kummissjoni fuq is-sħab tagħna tan-Nofsinar Globali, biex tiżgura li l-politiki Ewropej f'oqsma bħall-kummerċ, il-finanzi, is-sigurtà, l-agrikoltura, is-sajd, il-klima, il-bijodiversità, l-enerġija, il-materja prima u l-migrazzjoni joħlqu sinerġiji, aktar milli jimminaw ir-rwol tal-UE fil-promozzjoni tal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli globalment?*

L-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha huma l-punti ta' gwida għat-tfassil tal-politika tal-UE u jibqgħu jservu bħala indikaturi tad-direzzjoni tal-ħidma tiegħi jekk niġi kkonfermat. Kull Membru tal-Kulleġġ ingħata l-kompitu li jiżgura t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-qasam ta' politika tiegħu, filwaqt li jibni fuq il-konklużjonijiet tar-Rieżami Volontarju tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 ippreżentata lin-NU fl-2023; mandat li ġie kkonfermat fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi: "Se tkompli tiżgura li l-UE tippromwovi l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli".

Il-Global Gateway huwa l-kontribut ewleni tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 lil hinn mill-fruntieri tagħna. Dan jgħin biex ir-riżorsi limitati tal-UE jiġu ffukati fuq fejn jistgħu jagħmlu l-akbar impatt fuq l-iżvilupp sostenibbli.

It-titjib tal-ħajja u t-trażżin tal-inugwaljanzi huma fil-qalba tal-portafoll tas-Sħubijiet Internazzjonali. L-investment fl-iżvilupp tal-bniedem matul iċ-ċiklu tal-ħajja għandu jibqa' element essenzjali u distintiv tal-offerta tagħna. Fil-għlieda tal-offerti, il-mudell soċjali tal-UE huwa f'ħafna modi l-aħjar xbieha ta' min aħna.

Dak li jiddistingwi l-Global Gateway huwa preċiżament l-approċċ tiegħu ta' 360 gradi. Dan jgħaqqad l-investimenti fl-infrastruttura (eż. toroq, kejbils, impjanti solari) ma' investimenti fl-ambjent abilitanti (eż. l-edukazzjoni, il-ħiliet, ir-riċerka, l-oqfsa regolatorji, il-governanza tajba) biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-bniedem u tissaħħaħ il-kapaċità tas-sħab tagħna. L-edukazzjoni u s-saħħa mhumiex biss prijoritajiet tematiċi fihom infushom - huma prerekwiżiti biex jintlaħqu l-għanijiet l-oħra tal-Global Gateway u huma inkorporati fihom. Żewġ eżempji biex nuri kif naħseb dwar l-approċċ ta' 360 gradi.

1. L-edukazzjoni hija faċilitatur tal-Global Gateway. It-tkabbir ekonomiku jiddependi fuq forza tax-xogħol b'ħiliet u edukazzjoni. Sistema edukattiva b'saħħitha hija kruċjali biex tixpruna l-innovazzjoni u tappoġġa t-trasformazzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nkompli ninvesti fit-tiżiħ tas-sistemi edukattivi, fl-iżvilupp bikri tat-tfal u fl-edukazzjoni tal-bniet, fl-edukazzjoni teknika u vokazzjonali, u fl-infrastruttura diġitali biex ngħinu liż-żgħażaġh jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex isiru atturi fit-tranżizzjoni diġitali.

2. L-istess jgħodd għall-qasam tas-saħħa. Sistemi tas-saħħa effettivi, reżiljenti u aċċessibbli huma essenzjali. Dawn jeħtieġu infrastruttura fiżika bħal kliniċi, fabbriki, u toroq biex jipproduċu u jqassmu prodotti tas-saħħa, iżda wkoll forza tax-xogħol imħarrġa, regolamentazzjoni soda, u riċerka. Din hija r-raġuni għaliex l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali u t-tiżiħ tas-sistemi tas-saħħa globalment se jkunu prijorità matul il-ħames snin li ġejjin.

Bl-użu tas-sħubijiet internazzjonali, il-għlieda kontra l-faqar u l-indirizzar tal-inugwaljanzi jkunu fil-qalba tal-approċċ tiegħi. Iż-żieda fl-inugwaljanzi tfixkel il-progress fost l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha. Jeħtieġ li niżguraw li l-azzjoni kollha tagħna, inklużi l-investimenti tal-Global Gateway, tindirizza l-inugwaljanzi, kemm f'termini ta' aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, il-konnettività diġitali jew is-sistemi universali tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni naħdem magħkom biex niżgura li nisfruttaw il-Markatur tal-Inugwaljanza biex niggwidaw l-investimenti tagħna, filwaqt li niżgura li dawn ikollhom impatt reali u li jista' jitkejjel fuq l-inugwaljanzi. Beħsiebni nipromwovi l-użu tal-Markatur fil-Kummissjoni kollha u lil hinn minnha.

Jien determinat ukoll li nżomm ir-rekord impressjonanti tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, billi ninkorporaha fl-azzjonijiet esterni kollha tal-UE, filwaqt li niżgura li l-ħidma tagħna tikkontribwixxi direttament għat-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III jpoġġi lill-UE f'pożizzjoni ta' tmexxija dinjija; jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nżomm u nsaħħaħ dak it-temexxija.

Il-Parlament Ewropew, bħala koleġiżlatur, se jkollu rwol essenzjali fit-tiżiħ tal-koerenza tal-azzjonijiet interni u esterni tagħna. U biex tikseb riżultati massimi, l-UE trid tqis l-impatt estern tal-politiki interni tagħna, permezz ta' involviment proattiv mas-sħab, u - fejn rilevanti - b'valutazzjonijiet tal-impatt ex ante bir-reqqa, sorveljanza/evalwazzjoni ex post, u miżuri ta' appoġġ biex jittaffew l-effetti konsegwenzjali negattivi fuq il-kummerċ u l-investment. Il-politiki interni u esterni għandhom jiġu indirizzati b'mod integrat, minħabba li jiddependu minn xulxin. L-objettiv tal-koerenza politika diġà huwa minqax fit-Trattati. Jekk niġi kkonfermat, naħdem biex *nintegra l-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi u ġeoekonomiċi fit-tfassil tal-politika tal-Kulleġġ*.

##### 5. *Is-Sħubija UE-Afrika u relazzjonijiet ma' reġjuni oħra*

*X'oqsma speċifiċi se tipprijoritizza fis-sħubija UE-Afrika, kif tistenna li tikseb il-fiduċja tas-sħab Afrikani tagħna u se taġġorna l-istrateġija tal-UE għall-Afrika? Kif se tiżgura approċċ ibbilanċjat għall-involviment ma' reġjuni ġeografiċi oħra fl-ambitu tal-portafoll tiegħek? X'inizjattivi leġiżlattivi u miżuri tal-UE ġodda, jekk hemm, tippromponi biex jintlaħqu dawk l-objettivi? Kif beħsiebek tinteraġixxi mal-pajjiżi membri tal-BRICS+, meta jitqiesu l-konsegwenzi tal-espansjoni u l-integrazzjoni tal-gruppi għall-politika tal-iżvilupp tal-UE?*

Sħubija ta' ugwaljanza li tiffunzjona tajjeb u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-Afrika u l-UE tkun prijorità fil-mandat tiegħi. L-Afrika hija l-eqreb ġar tal-Ewropa, u kontinent ta' opportunitajiet. Hija tospita madwar nofs l-20 ekonomija tad-dinja li qed jikbru bl-aktar rata mgħaġġla, forza tax-xogħol żaġhżuġha u dinamika, u riżorsi naturali abbondanti.

L-istrateġija tal-UE għall-impenn tagħna mal-Afrika hija l-Viżjoni Konġunta 2030, li l-mexxejja Afrikani u tal-UE approvaw fl-aħħar Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana fl-2022. Din tfisser l-oġġettivi għall-kooperazzjoni tagħna fis-snin li ġejjin. Jekk niġi kkonfermat, immexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' din il-viżjoni.

F'ħafna pajjiżi Afrikani jista' jinkiseb it-tkabbir sostenibbli. Jien determinat li nsaħħaħ u napprofondixxi s-sħubija UE-Afrika billi nwettaq u nwessa' l-pakketti tal-Global Gateway ta' 360 grad madwar oġġettivi trasformattivi u maqbula b'mod konġunt u opportunitajiet ta' investment konkreti. Nagħti attenzjoni partikolari biex niżgura li s-settur privat jikkontribwixxi l-potenzjal sħiħ tiegħu għall-approċċ ta' Tim Ewropa.

Taħt it-tmexxija tiegħi, jekk niġi kkonfermat, niffukaw fuq it-tiswir ta' katini lokali tal-valur u l-appoġġ għall-industrijalizzazzjoni f'setturi kruċjali bħat-trasport, it-teknoloġiji diġitali u l-enerġija sostenibbli. L-istrateġija Global Gateway hija abilitatur kruċjali li biha jiġu ffinanzjati proġetti infrastrutturali li mhux biss tkabbar il-kummerċ reġjonali iżda wkoll tippromwovi il-ħolqien tal-impjiegi u d-diversifikazzjoni ekonomika.

L-Afrika hija kontinent varjat: se jkun importanti li l-impenn tal-UE jiġi adattat għall-kuntesti reġjonali, nazzjonali u lokali. Partijiet mill-kontinent għadhom ibatu minn kunflitt u instabbiltà politika - mis-Saħel Ċentrali sal-Qarn tal-Afrika u r-Reġjun tal-Lagi l-Kbar. Lil hinn mill-Global Gateway, l-UE għandha tappoġġa approċċ differenzjat u tibqa' involuta f'kuntesti fraġli, tappoġġa l-popolazzjonijiet u tippromwovi d-djalogu f'kuntesti politikament estranti. Jekk niġi kkonfermat, se nagħmel enfasi fuq id-djalogu mas-sħab Afrikani bħala rispons għall-aspirazzjonijiet tagħhom f'kuntesti ġeopolitiku li qed jinbidel.

Sal-2027, nofs it-EUR 300 biljun tal-Global Gateway f'investimenti se jmorru għall-Afrika. Għandna nużaw dawn il-fondi biex niffukaw fuq proġetti konkreti li jkunu ta' benefiċċju għas-sħab Afrikani tagħna filwaqt li nżommu l-valuri tagħna. L-oqsma ta' prijorità għas-sħubija Afrika-UE jinkludu: l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u l-industrijalizzazzjoni (ktajjen tal-valur lokali); proġetti ta' infrastruttura (eż. networks tat-trasport, sistemi tal-enerġija, ċentri loġistiċi); it-tranżizzjoni ekoloġika u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima (biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli tal-kontinent); it-trasformazzjoni diġitali (l-infrastruttura diġitali, l-aċċess għall-broadband, il-litteriżmu diġitali u l-intraprenditorija); is-sigurtà (il-kawżi li huma fl-għerq tal-instabbiltà).

Global Gateway hija strateġija globali, li qed tintuża fil-kontinenti kollha. Pereżempju, l-UE u l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jisfruttaw mill-inqas EUR 45 biljun sal-2027 bħala parti mill-Aġenda ta' Investment tal-Global Gateway bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew, ġie approvat pakkett Global Gateway ta' EUR 10 biljun għar-reġjun tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, tħabbru EUR 10 biljun ta' investment biex jiġi żviluppat il-Kuritur Trans-Kaspju li jgħaqqad l-Asja Ċentrali u l-Ewropa.

Il-proġetti għandhom jiffasslu skont il-kuntesti lokali differenti. Pereżempju, ħafna pajjiżi fl-Amerka Latina u l-Karibew talbu b'mod ċar aġenda ta' investment u għandhom il-potenzjal li jibbenefikaw mill-ktajjen tal-valur globali, iżda jeħtieġu kapital, teknoloġija, taħriġ, u standards biex inaqqsu d-diskrepanza fl-investment. L-Asja Ċentrali qed tipproma tiddiversifika l-għażliet tal-politika esterna tagħha, tiżviluppa konnessjonijiet alternattivi u kurituri tat-trasport, u tapprofondixxi l-kooperazzjoni intrareġjonali. Fir-reġjun tal-Paċifiku, in-naħa tal-Asja, il-prijoritajiet huma l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll il-konnettività diġitali.

Jekk niġi kkonfermat, nippromwovi approċċ ibbilanċjat u orjentat lejn ir-risultati għar-reġjuni differenti li noperaw fihom, li jibni fuq il-pakketti ta' investment eżistenti.

F'kuntesti fraġli, l-UE għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji iżda tkun prammatika, filwaqt li tfassal l-impenn tagħha għal-limitazzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab fid-dawl tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE. L-oġġettiv primarju tagħna f'dawn l-ambjenti għandu jkun li nindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-fraġilità filwaqt li nipprovdu aċċess għal servizzi bażiċi li jsalvaw il-ħajja u nippromwovu r-reżiljenza tal-popolazzjonijiet, insaħħu d-drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà tal-bniedem, innaqqsu l-vulnerabbiltajiet, inħeġġu soluzzjonijiet paċifiċi, u fl-aħħar mill-aħħar inrawmu l-prevenzjoni tal-kunflitti. Jiena nemmen f'approċċi integrati, f'konformità mar-rabta bejn l-aspett Umanitarju, dak tal-Iżvilupp u dak tal-Paċi.

Filwaqt li ovvjament ninsab ħerqan li ninvolvi ruħi mal-imsieħba kollha tagħna, inklużi l-ekonomiji emerġenti ewlenin, il-pajjiżi tal-BRICS fit li xejn għandhom affarijiet komuni bejniethom u għandhom nuqqas ta' koerenza interna bħala grupp. It-"tkabbir" ta' dan l-aħħar tal-grupp s'issa kien prinċipalment eżerċizzju ta' komunikazzjoni. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, inkompli ninvolvi ruħi bilateralment mal-membri tal-grupp, ħlief mar-Russja.

## 6. Migrazzjoni u kooperazzjoni għall-iżvilupp

*Kif tara l-interkonnessjoni bejn il-migrazzjoni u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tal-obbligi tagħna tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp? Kif se tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat u timpenja ruħek li tiżgura li d-dispożizzjonijiet u l-miri rilevanti fir-Regolament NDICI-Ewropa Globali kif ukoll l-obbligi tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati bis-sħiħ? Kif tipprevedi l-kooperazzjoni u d-diviżjoni tal-ħidma fl-aspetti esterni tal-migrazzjoni u l-mobbiltà ma' Kummissarji oħra, b'mod partikolari dwar ftehimiet relatati mal-migrazzjoni, u fl-iżgurar tal-iskrutinju tal-PE fuq ftehimiet bħal dawn? Kif se ssaħħaħ it-trasparenza dwar l-użu tal-fondi tal-NDICI-Ewropa Globali fil-qasam tal-migrazzjoni, u tinvolvi ruħek mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-gruppi tad-dijaspora u l-komunitajiet tal-migranti fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' żvilupp relatati mal-migrazzjoni?*

Fatturi bħall-qgħad, il-kunflitt u n-nuqqas ta' sigurtà, it-tibdil fil-klima u l-isfidi ambjentali kollha għandhom rwoli sinifikanti fl-ixprunar tal-migrazzjoni madwar id-dinja. Parti minnu hija irregolari. L-istabbiliment ta' kawżalità ċara huwa diffiċli minħabba l-interazzjoni kumplessa tal-fatturi ta' spinta u ta' ġibda.

Għalhekk, l-indirizzar effettiv tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari jeħtieġ approċċ komprensiv li jqis il-varjetà ta' fatturi involuti. Irridu naħdmu mas-sħab biex inqawwu l-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntiera u fis-sigurtà, biex inżarmaw in-networks tat-traffikar tal-bnedmin, u naħdmu id f'id mas-sħab internazzjonali, inkluż permezz tal-Alleanza Dinjija għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti. Irridu nagħtu spinta lill-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħna, billi nibdew mid-diplomazija, il-politika dwar il-viżi, u l-inċentivi għall-kummerċ u l-investment. U rridu nindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari billi noħolqu opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażagħ biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-prospertà ta' pajjiżhom aktar milli jirriskjaw ħajjithom fuq vjaġġi perikolużi.

Irridu naġixxu b'mod deċiżiv u pramatiku biex nindirizzaw dan, fi sħubija ma' pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu. Jien impenjat għal approċċ li jieħu f'kunsiderazzjoni r-rotta sħiħa fil-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni. Il-migrazzjoni hija sfida multidimensjonali li titlob rispons koordinat u komprensiv, u koerenza bejn l-isforzi interni u esterni f'dan il-qasam.

Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni, u mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità, is-Sigurtà u d-Demokrazija tat-Teknoloġija, biex nara li jkollna politika dwar il-migrazzjoni li tkun parti minn strateġija komprensiva li tinkludi l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari. Se nikkollabora wkoll mal-Kummissarju għall-Mediterran dwar il-Patt il-Ġdid għall-Mediterran, filwaqt li niffoka fuq sħubijiet mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Kooperazzjoni transfruntiera msaħħa fost il-pajjiżi tal-Viċinat/tal-Afrika sub-Saħarjana hija essenzjali għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni.

Matul dawn l-aħħar snin, l-UE diġà żiedet l-involvement tagħha mal-pajjiżi sħab, u qabżet il-mira indikattiva ta' 10 % tal-baġit tal-NDICI-Ewropa Globali għal azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni u l-ispostament furzat. Bħalissa qed jiġu implimentati aktar minn 190 azzjoni, b'valur ta' EUR 5,3 biljun, b'mod partikolari fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Afrika ta' Fuq, u fl-Asja-Paċifiku. Nimpenja ruħi li nagħmel l-almu tiegħi biex naslu għall-miri li qbilna dwarhom flimkien.

Ninsab konvint li s-sħubijiet internazzjonali tagħna jista' jkollhom rwol pożittiv fil-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, billi l-investimenti tal-Global Gateway tagħna jiġu mmirati lejn fejn huma l-aktar importanti (eż. l-iżvilupp ekonomiku, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa). Billi nrawmu opportunitajiet lokali, innaqqsu l-inċentiv li dak li jkun imur xi mkien ieħor. Is-sħubija tal-UE mal-Mauritania hija pjan ta' azzjoni - l-investment fl-enerġija ekoloġika, is-saħħa u l-edukazzjoni mhux biss jixpruna t-tkabbir iżda joħloq l-impjiegi u l-ġejjieni li n-nies ifittxu għalihom.

Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni wkoll insegwi l-loġika ta' "aktar għal aktar". L-"approċċ ibbażat fuq l-inċentivi flessibbli" tal-NDICI-Ewropa Globali huwa eżempju tajjeb ta' kif l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp tal-UE tista' trawwem kooperazzjoni tajba dwar il-migrazzjoni billi tgħin liż-żewġ naħat jagħmlu progress fejn jidħlu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jappoġġaw lill-popolazzjonijiet fl-isforzi tagħhom biex jibnu l-futur tagħhom stess f'pajjiżhom.

Nemmen ukoll li huwa fl-interess tal-UE li tibqa' involuta f'żoni ta' kunflitt, f'pajjiżi fraġli u f'ambjenti kumplessi oħra, inkluż biex jiġu evitati effetti konsegwenzjali negattivi fuq l-UE fil-forma ta' migrazzjoni irregolari.

Hawnhekk, irridu niffukaw saħansitra aktar fuq l-istabbilizzazzjoni tal-komunitajiet permezz tal-iżvilupp ekonomiku, l-appoġġ għall-governanza lokali, u l-prevenzjoni tal-kunflitti.

Il-kooperazzjoni dwar perkorsi legali ġodda tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-migrazzjoni irregolari lejn l-UE. Is-Sħubijiet tat-Talent jistgħu jgħinu biex tiġi strutturata l-kooperazzjoni fil-mobbiltà tal-forza tax-xogħol biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi u okkupazzjonijiet magħżula, filwaqt li jiġi promoss ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tkabbir ekonomiku fil-pajjiżi ta' orijini.

Nixtieq nenfasizza punt wieħed: kull azzjoni li nieħdu għandha jkollha għeruq sodi fir-rispett tad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Jien impenjat li naħdem mal-Parlament Ewropew f'dan il-qasam ukoll, inkluż billi nagħmel l-aħjar użu mid-djalogi ġeopolitiċi ta' livell għoli u nżommu infurmat fuq kollox. Nemmen fit-trasparenza, inkluż dwar il-progress fir-rigward tal-mira indikattiva tal-infiq fuq il-migrazzjoni prevista fir-regolament NDICI-Ewropa Globali.

Permezz tal-Forum ta' Politika għall-Iżvilupp u l-konsultazzjonijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE, l-UE għandha tinvolvi b'mod attiv lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-gruppi tad-dijaspóra, u l-komunitajiet tal-migranti fid-djalogi tagħna dwar il-migrazzjoni.

## 7. Finanzjament għall-iżvilupp u l-ħtiġijiet ta' pajjiżi fraġli

*Kif beħsiebek tiżgura li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp tal-UE tagħti riżultati b'mod aktar effiċjenti, inkluż permezz tal-lokalizzazzjoni, u ttiprovdi finanzjament suffiċjenti għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti u l-pajjiżi f'kuntasti fraġli, filwaqt li timplimenta l-"approċċ differenzjat" u r-Rabta bejn l-Aspett Umanitarju, l-Iżvilupp u l-Paċi, u tipprevjeni kwalunkwe użu ħażin tal-fondi? Fid-dawl tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iżvilupp u ż-żieda fil-piżijiet tad-dejn li jiffaċċjaw ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, x'inizjattivi se tiegħu, fil-livell tal-UE, ta' Tim Ewropa u dak multilaterali, dwar il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, il-flussi finanzjarji illeċiti, kif ukoll is-serħan mid-dejn u l-ġestjoni tar-ristrutturar tad-dejn? Kif qed tippjana li tinvolvi l-investimenti tas-settur privat, inklużi l-kumpaniji Ewropej u l-Istituzzjonijiet Ewropej tal-Finanzi għall-Iżvilupp kif ukoll l-aġenziji ta' finanzjament tal-Istati Membri biex jiżdied il-finanzjament? X'approċċ konkret fil-proposta tal-baġit fit-tul li jmiss se tissuġġerixxi għall-portafoll tiegħek u kif se tikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kulleġġ dwar "finanzjament imġedded tal-azzjoni esterna" f'termini ta' riżorsi u programmi biex jissaħħu s-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw?*

Se naħdem biex niżgura li l-UE tikkontribwixxi b'mod effiċjenti għall-isforzi globali biex l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jerġgħu lura fit-triq it-tajba u jingħalaq id-distakk finanzjarju annwali ta' EUR 4 triljun. Nista' nħares 'l quddiem fit-tul, għalhekk l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp tagħna tista' tikseb riżultati b'mod aktar effiċjenti, inkluż għas-šhab l-aktar vulnerabbli tagħna.

L-ewwel nett, ma nistgħux nippermettu li nġebbdu r-riżorsi tagħna żżejjed, jew li nkunu frammentati, jew li nidduplikaw l-isforzi fi ħdan l-UE. Irridu nottimizzaw l-użu tal-fondi tal-UE u tal-Istati Membri permezz ta' approċċ differenzjat, filwaqt li niżguraw li l-assistenza tagħna tirrispondi għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pajjiż u reġjun filwaqt li jiġi evitat l-użu ħażin tal-fondi. Jeħtieġ li nkomplu nibnu fuq l-approċċ ta' Tim Ewropa u nisfruttaw il-potenzjal sħiħ tiegħu permezz ta' koordinazzjoni fil-livelli kollha - inkluż mal-Istati Membri fl-Ewropa u fuq il-post fil-pajjiżi šhab, man-networks diplomatiċi tagħhom, mal-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp u mal-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tagħhom, u mas-settur privat Ewropew. Dan mhux biss se jippermetti aktar skala, impatt u viżibbiltà, u se jżid ukoll l-effettività tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp tagħna.

It-tieni, il-mobilizzazzjoni tas-settur privat hija essenzjali. Għandna nintensifikaw l-involvement tagħna mal-kumpaniji lokali u Ewropej u nisfruttaw finanzjament privat aktar sostenibbli billi nnaqqsu r-riskji tal-investimenti (inkluż bl-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi, pereżempju l-programm ta' garanzija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus tagħna) biex inwettqu l-għanijiet tal-politika pubblika tagħna. Il-kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet bħall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) tippermetti wkoll l-isfruttament ta' għodod amalgamati ta' finanzjament. Hemmhekk, il-flus pubbliċi se jippermettu azzjonijiet strateġiċi u għodod finanzjarji innovattivi biex jimobilizzaw investimenti privati addizzjonali. Dawn huma essenzjali biex il-labra timxi lejn tranżizzjoni dekarbonizzata u diġitali.

It-tielet, għandna naħdmu mas-sħab internazzjonali biex insibu soluzzjonijiet globali biex nimmobilizzaw finanzjament aktar konkessjonali u nirriformaw l-arkitettura finanzjarja internazzjonali sabiex tkun adattata għall-iskop tagħha. L-UE kellha rwol attiv u kostruttiv fid-diskussjonijiet biex tiġġedded is-sistema Bretton Woods, u jekk niġi kkonfermat, niżgura li nkomplu nagħmlu dan fil-futur.

Naturalment, dawn il-miżuri jistgħu jappoġġaw biss riformi strutturali f'pajjiżi sħab jekk ikun hemm ġestjoni soda tal-finanzi pubbliċi. Il-promozzjoni tat-titjib fil-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi Domestiċi, il-ġestjoni sostenibbli tad-dejn u l-indirizzar tal-flussi finanzjarji illeċiti għandha tkun prijorità: dan huwa fejn jinsab il-potenzjal ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli. L-UE għandha tkompli tappoġġa dawn l-isforzi permezz ta' inizzjattivi bħal "Iġbor Aktar - Onfoq Aħjar" jew l-Inizzjattiva ta' Tim Ewropa dwar il-ġlieda kontra l-Flussi Finanzjarji Illeċiti u Reati Organizzati Transnazzjonali relatati.

Matul is-snin li ġejjin, se jkollna bżonn ukoll insaħħu l-inizzjattivi multilaterali ta' ristrutturar tad-dejn, bħall-Qafas Komuni tal-G20 għat-Trattament tad-Dejn, biex nagħmluhom aktar f'waqthom u aktar trasparenti. Irridu wkoll insibu soluzzjonijiet effettivi għal pajjiżi vulnerabbli bi dħul medju li mhumiex eliġibbli għall-Qafas Komuni.

Il-Konferenza tan-NU tal-2025 dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Sevilja se tkun mument kruċjali biex jittieħed kont tal-progress u jiġi żviluppat pjan direzzjonali għas-snin li ġejjin.

Fil-livell tal-UE, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss se jkun opportunità li ma nistgħux nitilfu. L-adozzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali rrappreżentat avvanz f'termini ta' simplifikazzjoni, trasparenza u effettività. Għall-ġejjieni, nemmen li għandna nagħtu direzzjoni aktar strateġika lill-azzjoni esterna tagħna, nagħmlu l-istrumenti tagħna aktar flessibbli, u nallinjaw aktar il-politiki interni u esterni tagħna biex jirriflettju l-prijoritajiet strateġiċi Ewropej. Fl-istess ħin, f'pajjiżi f'ambjenti kumplessi, għandna nkomplu niffukaw fuq il-ħtiġijiet bażiċi tal-popolazzjonijiet vulnerabbli fl-ispiritu tar-rabta bejn l-aspett Umanitarju, l-Iżvilupp u l-Paċi, filwaqt li niżguraw li l-isforzi tagħna jibqgħu jħallu impatt.

#### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

*8. Ingħatajt il-kompitu li tiżviluppa l-“marka” Global Gateway bi “traċċar u rappurtar effettivi u viżibbli, inkluż dwar il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat”. Kif beħsiebek tkejjel b'mod konkret l-impatt u r-riżultati ta' Global Gateway? Kif se tiżgura li s-settur privat fl-UE se jgħaqqad l-isforzi sa livell suffiċjenti biex jiġġenera l-ingranaġġ finanzjarju meħtieġ li mhuwiex possibbli bil-fondi pubbliċi biss, speċjalment meta l-instabbiltà politika jew il-governanza dgħajfa joħlqu inċertezza? Kif qed tippjana li ttejjeb b'mod suffiċjenti il-komunikazzjoni, il-viżibbiltà u l-impatt tal-“marka” Global Gateway sabiex tikkontrolla n-narrattivi foloz u d-diżinformazzjoni? Kif beħsiebek tistruttura l-kooperazzjoni għall-iżvilupp f'kuntesti instabbli, meta l-marka Global Gateway ma tistax tiġi implimentata u tiżgura approċċ tad-drittijiet tal-bniedem fit-trawwim, iż-żamma u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet mas-sħab internazzjonali u tiżgura li Global Gateway iżżomm l-għan tagħha li tkun offerta bbażata fuq il-valuri? Kif qed tippjana li tindirizza l-isfidi ppreżentati minn mudelli oħra ta' kooperazzjoni inqas regolati, pereżempju l-Inizzjattiva taċ-Ċina “Belt and Road”?*

Dwar traċċar u rappurtar viżibbli, inkluż dwar il-mobilizzazzjoni ta' finanzjament privat, jekk jogħġbok ara t-tweġiba tiegħi għall-Mistoqsija 3. Dwar kuntesti instabbli, ara t-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsijiet 3, 4 u 5.

Il-Global Gateway ifittex li joħloq l-inċentivi u l-ambjent it-tajba għas-settur privat biex jinvesti b'mod sostenibbli f'pajjiżi sħab biex ikun jista' jwieġeb għall-ambizzjonijiet u d-domandi tas-sħab tagħna u jgħin biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Jekk niġi kkonfermat, nipproponi dan li ġej biex tiżded il-parteċipazzjoni tas-settur privat:

(1) Li tiġi approfondita l-kollaborazzjoni mal-BEI u l-BERŻ biex jitqawwa l-finanzjament għal proġetti ta' żvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Nistgħu nikkombinaw l-għotjiet tal-UE mal-investimenti tas-settur privat, b'mod li niżguraw li l-proġetti jibqgħu finanzjarjament vijabbli filwaqt li jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

(2) Niżguraw li l-investimenti fl-infrastruttura jkunu akkumpanjati minn investimenti fl-ambjent tan-negozju abilitanti inkluż il-kapital uman.

(3) Nipprovd u l-inċentivi t-tajba għall-kumpaniji biex ikunu parti mill-isforz tagħna biex noħolqu żvilupp sostenibbli, inkluż permezz ta' għodod finanzjarji innovattivi bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus biex ngħinu fit-tnaqqis tar-riskji għall-investimenti.

(4) Nagħmlu użu mill-potenzjal sħiħ tal-Grupp Konsultattiv għall-Attività tal-Global Gateway biex jinġabar il-kontribut għall-orjentazzjoni strateġika tal-istrateġija kif ukoll feedback dwarha.

(5) Insaħħu s-sensibilizzazzjoni, fil-livelli kemm tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll tal-Istati Membri. Il-fora tan-negozju jistgħu pereżempju jgħinu biex jinħolqu konnessjonijiet u opportunitajiet ġodda.

L-aktar mod effettiv biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni huwa li jsir investiment f'komunikazzjoni pożittiva dwar l-offerta tal-Ewropa lill-pajjiżi sħab. Hekk kif il-Global Gateway timxi minn inizjattiva li għadha tibda lejha waħda li qed tespandi, u tkun qed twieġeb għat-talba tas-sħab tagħna għal investimenti strateġiċi b'offerta kwalitattiva, l-UE jenħtieġ li tadatta wkoll il-komunikazzjoni tagħha biex issaħħa is-sensibilizzazzjoni tal-Global Gateway bħala marka f'data u affidabbli. Irridu nkunu proattivi u naħdmu biex ikollna kampanja li tsebbixxi l-offerta pożittiva tal-Global Gateway tal-UE lill-pubbliku ġenerali. Dan jitlob approċċ aktar strateġiku u ffukat, xprunat minn kampanja professjonali li jilhq u djenzi ġodda permezz tal-mezzi li jużaw, u b'messaġġ li huwa importanti għalihom. L-ebda wieħed mill-kompetituri tagħna ma jipproponi offerta li tista' tlaħħaq ma' tagħna; irridu naraw li d-dinja dan tkun tafu.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-impatt tal-marka Global Gateway se jkun xprunat mill-introduzzjoni b'suċċess ta' proġetti konkreti fil-prattika. Irridu nikkomunikaw f'approċċ ta' Tim Ewropa, b'vuċi waħda, meta jkollna r-riżultati ta' suċċess ta' xi proġett ewlieni. Irridu niżguraw ukoll li l-investituri potenzjali jitgħallmu dwar il-benefiċċji tal-proġetti tagħna.

Lil hinn mill-Global Gateway, l-UE għandha żżomm riżorsi ddedikati biex tinvolvi ruħha f'ambjenti fraġli u ta' kunflitt. Hawnhekk, l-infasi għandha tkun fuq l-aktar ħtiġijiet immedjati tal-popolazzjoni fejn jidħlu ikel, saħħa u edukazzjoni. Fil-każ tal-pajjiżi mmexxija minn gvernijiet mhux kostituzzjonali, jekk niġi kkonfermat, l-approċċ tiegħi jkun ċar: nevitaw li nillegittimizzaw lill-gvern iżda nibqgħu impenjati għan-nies u man-nies. Jekk nabbandunaw l-impenni tagħna, dan iġib miegħu kosti sinifikanti, iħalli vojt, u b'mod kollettiv jikkastiga popolazzjonijiet li diġà huma vulnerabbli. Għalhekk irridu nsibu t-triq tan-nofs, li għandha titfassal għal kull sitwazzjoni speċifika tal-pajjiż.

Global Gateway hija l-offerta tal-Ewropa f'ambjent ġeoekonomiku dejjem aktar iffullat. L-aħjar mod kif tikkompeti huwa li tikseb ir-riżultati; l-impatt huwa l-aktar argument qawwi tagħna.

### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

*9. Fir-rigward tar-relazzjonijiet kummerċjali ma' pajjiżi sħab, inkluż aċċess imtejjeb għal riżorsi kritiċi, x'miżuri konkreti se tiegħu biex tiżgura li l-aspetti kummerċjali jsiru aktar prominenti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway? B'mod speċifiku, kif beħsiebek issaħħa ir-rabtiet u t-trikkib bejn il-ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-investiment u l-istrateġija Global Gateway u kif se tiżgura sinerġiji mas-Sħubijiet il-ġodda għal Kummerċ u Investimenti Nodfa għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal-pajjiżi sħab? Kif se tadatta l-istrateġija Global Gateway biex tindirizza t-tensjonijiet kummerċjali ġeopolitiċi li qed jiżdiedu u r-rwol aktar b'saħħtu tal-ekonomiji emerġenti (eż. iċ-Ċina, l-Indja), inkluż fil-kontinent Afrikan? Kif se tinvolvi lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġija?*

Matul dawn l-aħħar ftit snin, tfaċċaw realtajiet globali ġodda: il-ġeopolitika u l-ġeoekonomija issa huma interkonnessi, b'tensjonijiet u kunflitti kummerċjali li qed jiżdiedu; il-pajjiżi ewlenin iġibu ruħhom b'mod aktar assertiv, billi jikkontestaw l-ordni internazzjonali stabbilita u jipromwovu mudelli alternattivi ta' governanza; id-dipendenzi qed jintużaw bħala arma. Hemm battalja ta' offerti.

L-UE diġà adattat il-mudell tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp f'konformità ma' dawn ir-realtajiet ġodda. Dan huwa inkorporat mill-istrateġija Global Gateway, li twieġeb għad-domanda tal-pajjiżi sħab tagħna għal konnessjoni aħjar mal-ktajjen tal-valur globali, il-ħolqien ta' żieda fil-valur lokali, u r-reżiljenza għal xokkijiet esterni.

Bħala eks Ministru għall-Kummerċ, naf kemm hu importanti l-kummerċ, u naf x'potenzjal għandu. Huwa mutur ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli - mill-1990 sal-2017, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw żiedu s-sehem tagħhom tal-

esportazzjonijiet dinjija minn 16 % għal 30 %; matul l-istess perjodu, ir-rata tal-faqar madwar id-dinja naqset minn 36 % għal 9 %.

Għalhekk, l-UE tappoġġa l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, b'mod partikolari billi ssaħħaħ il-klima tal-investment permezz ta' miżuri mhux vinkolanti (eż. il-bini tal-kapaċità, it-taħriġ, l-ambjent regolatorju) u billi timmobilizza l-kumpaniji biex jissiehu u jinvestu, u b'hekk tgħin lill-pajjiżi sħab joħlqu aktar żieda fil-valur lokali u jutilgħu 'l fuq fil-ktajjen tal-valur dinjija. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, beħsiebni nagħti l-kontribut biex nimxu fuq din it-triq.

Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni naħdem biex niżgura li l-investimenti tal-Global Gateway jiġu żviluppati f'sinerġija sħiħa mas-Sħubijiet ta' Kummerċ Nadif u ta' Investment li għadhom kif ġew proposti, bħala komponenti komplementari tal-politika ekonomika barranija l-għdida tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika. Għandna nimmiraw li nistabbilixxu sħubijiet fit-tul ta' benefiċċju reċiproku ma' sħab ewlenin, li jstgħu jsaħħu l-kompetittività u jddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista filwaqt li jsaħħu s-sostenibbiltà u ż-żieda fil-valur, u b'hekk jagħtu spinta wkoll lill-ekonomiji tas-sħab tagħna u jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.

L-appoġġ politiku u l-kontribut mill-Parlament Ewropew dwar il-Global Gateway se jkunu kruċjali. Għalhekk, kemm fid-dibattiti plenarji kif ukoll fil-laqgħat tal-Kumitat, jekk niġi kkonfermat, ikun nixtieq ninforma lill-Parlament b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-iskambju dwar l-espansjoni tagħha. Inħeġġeġ ukoll lill-Parlament Ewropew jagħmel użu sħiħ mill-parteciċipazzjoni tiegħu fil-Bord tal-Global Gateway.

#### Mistoqsija mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

*10. Skont l-ittra ta' missjoni tiegħek, se taħdem fuq il-bini ta' sħubijiet komprensivi u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi b'approċċ integrat sabiex il-politiki ekonomiċi, umanitarji, tal-iżvilupp, tal-paċi u tas-sigurtà kollha jikkontribwixxu għat-tisħiħ ta' dawn is-sħubijiet. L-għan huwa li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin u l-ixprunaturi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u li jiġu miġġielda n-networks tat-traffikanti b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem. X'miżuri se tiegħu biex tiżgura li, b'mod partikolari fil-qasam tal-migrazzjoni, dawn is-sħubijiet jaħdmu b'mod effettiv? Kif se tiżgura li l-Parlament ikun jista' jeżerċita s-sorveljanza tiegħu matul il-proċess kollu tal-bini ta' sħubijiet bħal dawn, speċjalment meta xi wħud mill-aspetti tagħhom jista' jkollhom impatt fuq il-prerogattivi leġiżlattivi tiegħu?*

Il-gwida politika tal-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni hija kruċjali. Jekk niġi kkonfermat, nimpenja ruħi li nżomm lill-Parlament Ewropew infurmat b'mod regolari. Fir-rigward tal-kumplement tal-portafoll tiegħi, nara li s-servizzi tiegħi u jien naderixxu mar-rekwiżiti legali u proċedurali, bil-ħsieb li jkun hemm l-iskrutinju demokratiku, it-trasparenza u r-responsabbiltà.

Il-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali tagħna hija kruċjali biex jinkisbu s-sigurtà, l-istabbiltà globali u l-iżvilupp ekonomiku tal-UE. Huwa strument importanti li jikkontribwixxi għal ġestjoni effettiva u ġusta tal-migrazzjoni, li jippermetti li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u li jiġu miġġielda n-networks kriminali li jibbenefikaw minnha. Kif deskritt fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-bini ta' sħubijiet komprensivi u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi se jibqà element importanti tal-approċċ komprensiv tal-UE. Jekk niġi kkonfermat, l-oġettiv tiegħi jkun li nsaħħaħ din il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu u nappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tad-dimensjoni esterna tal-Patt.

F'kooperazzjoni mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità, is-Sigurtà u d-Demokrazija tat-Teknoloġija, il-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni, u l-Kummissarju għall-Mediterran, se nagħmel enfasi fuq il-ħidma lejn azzjonijiet konkreti u kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi biex tiġi sfrattata l-kriminalità organizzata transfruntiera involuta fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tal-bnedmin, it-terroriżmu u t-traffikar tad-droga. Beħsiebni naħdem ma' sħab internazzjonali u pajjiżi terzi biex niżgura l-protezzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil u r-refuġjati f'pajjiżi terzi ospitanti, kif ukoll biex nappoġġa lill-komunitajiet ospitanti. L-isforz komprensiv jinkludi wkoll l-iżvilupp mal-Istati Membri ta' perkorsi legali, inkluż permezz ta' Sħubijiet ta' Talent tal-UE u skemi ta' migrazzjoni ċirkolari.

L-istrateġija tagħna dwar il-migrazzjoni trid tibqa' bbażata fuq id-dritt internazzjonali, b'impenn li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem. Il-miżuri kollha meħuda biex titrażżan il-migrazzjoni irregolari jridu jikkonformaw bis-sħiħ mal-oqfsa legali tal-UE u dawk internazzjonali. Dan jinkludi l-aderenza mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

tal-UE u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jenħtieġ li jkomplu jkunu obbligati kuntrattwalment li jipprovdu rapportar regolari u komprensiv dwar l-azzjoni tagħhom u s-sitwazzjoni fil-pajjiż fejn tiġi implimentata l-azzjoni ffinanzjata mill-UE.

Il-koerenza bejn il-politiki interni u esterni hija kruċjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-migrazzjoni. F'konformità mal-Linji Gwida Politiċi, beħsiebni nikkontribwixxi wkoll għal Strateġija ta' Politika tal-UE dwar il-Viżi u Patt għid għall-Mediterran biex jiġu żgurati aħjar il-fruntieri u tiġi ġestita l-migrazzjoni.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

*11. Skont l-ittra ta' missjoni tiegħek, se tkompli tiżgura li l-UE tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, inkluż l-SDG 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżgħir tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet ikomplu jkunu fuq nett tal-politiki tal-UE dwar il-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp. Hemm xi inizjattivi ġodda li qed tippjana li tiegħu biex timplimenta l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà fil-livell tal-UE u kif se taħdem biex is-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet f'kunflitti armati ssir prijorità tal-UE? Se timpenja ruħek li tiżviluppa l-GAP IV? Il-Kummissjoni kif se tindirizza l-għoti ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati bħala parti mill-għajmuna umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha u speċjalment fil-każ ta' nisa tqal li ġejjin minn żoni ta' kunflitti, li wħud minnhom salvaw il-vjolenza u l-istupru? Minħabba l-attaki globali kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-LGBTIQ+, kif qed tippjana li tiżgura li l-UE talloka aċċess adegwat u dirett għar-riżorsi lill-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili, lil-LGBTIQ+ u lid-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u lill-organizzazzjonijiet tagħhom?*

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali tal-UE u prijorità politika tal-azzjoni esterna tal-UE. Hija wkoll sempliċement ekonomija tajba. Ir-riċerka mill-Fond Monetarju Internazzjonali turi li l-PDG tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jista' jiżjed bi kważi 8 % billi jnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fis-swieq tax-xogħol. It-tnaqqis sħiħ tad-distakk jista' jgħolli l-PDG b'medja ta' 23 %. Jekk niġi kkonfermat, inkompli niffoka fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri- bħala għan fil-innifsu iżda wkoll bħala katalist għal żvilupp sostenibbli, tkabbir ekonomiku robust, governanza soda, u paċi u sigurtà dejjiema.

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III avvanza b'mod sinifikanti l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala prijorità strateġika fl-azzjoni esterna tal-UE. Dan wassal għal approċċ aktar integrat fil-politiki kollha u għal aktar appoġġ għall-pajjiżi sħab. Jekk niġi kkonfermat, nara li l-pjan ta' segwitu jkun ambizzjuż. Besiebni naħdem f'koordinazzjoni mill-qrib ma' Kummissarji oħra, inklużi l-Kummissarju għall-Ugwaljanza u r-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President. Inniedi konsultazzjoni wiesgħa mal-imsieħba kollha, inkluż il-Parlament Ewropew, u ninvolvi lis-soċjetà ċivili.

Jekk niġi kkonfermat, insaħħaħ l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fis-sħubijiet internazzjonali tagħna, inżid l-azzjonijiet immirati lejn il-ġeneru, nappoġġa t-tiżgħir tal-pożizzjoni tan-nisa u niżviluppa inizjattivi ġodda biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-ġeneri fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-introjt u l-aċċess għar-riżorsi u s-servizzi.

L-anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u tar-riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà fl-2025 jirrappreżentaw opportunità biex tissaħħaħ it-tmexxija tal-UE u tittieħed azzjoni deċiżiva biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Beħsiebni nara li l-UE tonora dawn l-istadji importanti, f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President.

In-nisa u l-bniet f'kunflitti armati jeħtieġu attenzjoni speċifika, minħabba li jiffaċċjaw riskji speċifiċi (eż. l-użu ta' stupru bħala arma tal-gwerra) u minħabba li spiss ma jingħatawx siggħu mal-mejda tan-negozjati. L-UE għandha tippromwovi b'mod aktar qawwi l-parteċipazzjoni ugwali u sinifikanti tan-nisa fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti. F'kuntesti fraġli, l-enfasi fuq il-protezzjoni tat-tfal, iż-żgħażaġħ u l-ħtiġijiet tan-nisa għandha tkun prijorità (eż. l-approċċ "min-nisa għan-nisa" fl-Afganistan).

Il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija aspekk importanti tal-bini tar-reżiljenza kontra t-theddid għas-sigurtà, inkluż fil-livell tal-komunità. Iżda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija fuq kollox ksur orribbli tad-drittijiet tal-bniedem. Jekk niġi kkonfermat, nagħmel dak kollu li nista' biex nikkontribwixxi għall-qerda ta' din is-saħta.

Hemm differenza sinifikanti bejn il-ġeneri fil-kura tas-saħħa. L-aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huwa importanti mhux biss biex jiġi żgurat li n-nisa u l-bniet jirċievu l-kura li jeħtieġu, iżda wkoll biex jingħataw il-ħila personali li jsawru ħajjithom.

L-organizzazzjonijiet tan-nisa u s-soċjetà ċivili jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Dawn huma alleati kruċjali fl-avvanz ta' bidla trasformativa deġġiema bejn il-ġeneri u biex jintlaħaq l-akbar ammont ta' nisa u bniet emarġinati. Nofs il-fondi tal-attività Spotlight marru għal aktar minn 1750 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili. L-UE tappoġġa wkoll lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż lill-promoturi tal-LGBTI. Aktar minn nofs il-benefiċjarji tal-Programm tal-UE "Protect Defenders" huma difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn huma biss uħud mill-ħafna eżempji tal-impenn strateġiku tal-UE mas-soċjetà ċivili fejn jidhru l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-LGBTI.